MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 1153/2010

**Vodafone Malta Ltd
C-10865**

**vs**

**Mary Anne Therese Calleja
I.D. 267186 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici, talbet lill-konvenuta il-hlas tas-somma ta' hames mija u hamsa u ghoxrin Ewro u wiehed u sittin Ewro centezmu (€525.61), rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici bhala hlas ta' servizzi u prodotti provduti lill-istess konvenuta abbazi ta' ftehim bejn il-kotndenti u skond ir-rendikont anness ma l-avviz tat-talba markat bhala Dok A.

Illi l-konvenuta giet interpellat divers drabi b'talba ghall-pagament effetiv, izda baqghat inadempjenti ghal tali

talba, ghalhekk l-ammont ghadu dovut u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ dan l-Avviz sad-data tal-pagamnet effettiv, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota ta’ riduzzjoni ta’ l-istess socjeta’ attrici pprezentata fid-29 ta’ Novembru, 2010 li permezz taghha qieghda ccedi t-talba taghha f’din il-kawza in kwantu ghas-sorte stante pagament, filwaqt li zzomm ferm il-kap ta’ l-ispejjez.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lil konvenuta thallas l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------